



## Kappelli f'Ħal Qormi - *It-tielet parti*
# Il-Knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan

*Joseph A. Bugeja*



Il-kult lejn San Sebastjan Martri, bħal dak ta' Santu Rokku, huwa marbut mal-mard infettiv, b'mod speċjali mal-marda tal-pesta. Għaldaqstant, meta f'Malta kienet tfaqqa' l-pesta jew xi marda infettiva oħra, id-devozjoni lejn dawn iż-żewġ qaddisin kienet titkattar b'mod esponenzjali. L-aktar referenza antika għal kappella ddedikata lil San Sebastjan f'Ħal Qormi, jagħtihielna Dusina fil-vista pastorali tiegħu tal-1575[1]. Ħamsa u għoxrin sena wara (1601), din il-kappella nsibuha ddedikata lil Santu Rokku, bit-titular juri lil San Pawl (patrun ta' Malta) flimkien mal-qaddisin Rokku u Sebastjan[2]. Ħamsa u sebgħin sena wara (1676) din il-kappella kienet fi stat ħażin ħafna, hekk li wara l-pesta tal-1676, l-aħwa Dun Giovann u Giorgio Cauchi għamlu rikors il-Kurja sabiex flok dik eżistenti jibnu kappella ġdida[3]. Sas-sena 1813, id-devozzjoni lejn San Sebastjan kienet kważi għebet.

Il-flaġell tal-pesta reġa' laqat lill-Qriema bejn Mejju 1813 u Lulju 1814. Din l-imxija ħalliet ħerba sħiħa, speċjalment f'Ħal Qomi, fejn qatlet kwint tal-popolazzjoni. Għal darb'oħra l-Qriema rrikorrew lejn il-qaddisin Rokku, Sebastjan[4] u Ġorġ, sabiex jinterċiedu għalihom u jeħilsuhom minn dan il-flaġell. Dlonk kif Ħal Qormi kien iddikjarat meħlus mill-pesta, il-Qriema bdew iwettqu l-wegħdi tagħhom. Fost dawn il-wegħdi nsibu t-twaqqif ta' statwa tal-ġebel li tirrappreżenta lil San

1 Borg V., Melita Sacra II, 717.

2 *Ibid.*, 715

3 AAM Cancelleria, Suppliche 1668-1684, f. 569v.

4 Peresso V.; 1813 Ħal Qormi, l-pesta u San Bastjan, 63. L-ewwel darba li ngħata l-isem Sebastjan f'Ħal Qormi kien nhar is-6 ta' Lulju 1813, tlett xhur biss wara li faqqgħet il-pesta.

*ikompli f'paġna 86*

Sebastjan. Din l-istatwa kienet f'postha sena biss wara, fl-1815[5]. Il-post u l-pożizzjoni ta' din l-istatwa huma wkoll sinifikanti għaliex dan il-qaddis tqiegħed fil-post fejn, sa dak iż-żmien, kien jasal it-tarf mibni ta' Ħal Qormi. Huwa qiegħed iħares lejn il-port, il-post minn fejn daħlet il-pesta, sabiex b'mod figurattiv jipproteġi l-Qriema minn kull mard.

Fl-1865 Ħal Qormi, għal darb'oħra ntlaqat minn marda oħra qerrieda, dik tal-kolera. Ftit snin wara (1873), il-Qriema li kienu jabitaw qrib l-istawa ta' San Sebastjan, urew ix-xewqa li jibnu knisja ġdida sabiex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tagħhom. F'Mejju 1873, Michaelangelo Azzopardi ressaq rikors il-Kurja, sabiex jibni knisja ġdida. Il-Kappillan Dun Alwiġ Ellul kien ikkonsenta fuq erba' kundizzjonijiet, fosthom li l-knisja tkun iddedikata lil San Sebastjan Martri. Is-sena ta' wara (1874) saru l-kuntratti għall-akkwist tal-art li fuqha kellha tinbena din il-knisja[6]. Il-bini tal-knisja, fuq pjanta tal-Perit Borg, jidher li ma bediex mill-ewwel. Il-faqar perenni[7] u n-nuqqas ta' flus fl-idejn, wassal sabiex ix-xogħol jimxi bil-mod ħafna. Barra l-ġbir, kienu jsiru wkoll attivitajiet bħal tombli b'risq dan il-proġett. Waħda minn dawn it-tombli saret nhar l-14 ta' Settembru 1890, fi Pjazza San Franġisk[8].

Waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq il-bini, il-Qriema bdew jaħsbu wkoll fuq it-tiżjin intern. Fl-1888 wasal il-kwadru li jirrappreżenta lil Kristu Redentur, waqt li s-sena ta' wara wasal it-titular. Dawn iż-żewġ pitturi huma xogħol l-artist Żebbuġi Lazzaro Pisani. Fl-istess żmien, il-familja Gulia kienet irregalat pittura li turi l-Madonna tar-Rużarju, xogħol li nġib minn Napli[9].

Il-knisja, għalkemm mhux kompletament lesta, kienet imbierka nhar id-9 ta' Marzu 1890 u saret sagramentali tliet snin wara (14 ta' Lulju 1893)[10]. Fl-1894, il-prokuratur ta' din il-knisja ħaseb li jorganizza l-ewwel festa f'ġieħ San Sebastjan[11]. Għal din l-ewwel festa, din il-knisja filjali kienet mixgħula b'diversi tazzi taż-żejt, waqt li l-Banda San Ġorġ Martri kienet tellgħet programm[12]. Fis-sena 1918, din il-kappella saret viċi-parroċċa. Nhar il-25 t'Ottubru 1935 din il-knisja saret parroċċa, bit-territorju tagħha jkun dak dilenijat fis-sena 1918.

5 Diskors minn V. Peresso li sar nhar l-24 ta' Mejju 2015 fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi u riprodott fuq il-paġna ta' Facebook tiegħu, 19.ii.2018

6 Peresso V., Kuntratti u dokumenti dwar il-Knisja ż-Żgħira, Rivista Sliem u Ħajja, Ħarġa 217 (Parroċċa San Sebastjan).

7 Bugeja, J A, *Għall-Mużika, Għal Beltna, Għal Artna,* 8.

8 *Risorgimento,* 25.vii.1890.

9 Grima J.F, *Minn Ġrajjet Parroċċa Maltija, San Ġorġ ta' Ħal Qormi, 1400-2003;* 100.

10 *Ibid.*

11 *La Gazzetta di Malta,* 24.i.1894.

12 *Malta Tagħna,* 27.i.1894